# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Legislatura

Laqgħa Numru 12/2019

29 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Francis Callus | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużata:

| | |
|---|---|
| Janice Azzopardi | Viċi-Sindku |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Janice Azzopardi kienet bagħtet messaġġ fejn spjegat illi kienet għadha msiefra u għalhekk ma setgħetx tattendi għal laqgħa. Hija ġiet skużata.

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus staqsa x'ħa jsir eżatt rigward ref punt 11.3.10 (Triq L-Iskola l-parti li tagħti għal Triq in-Nassaba). Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel illi peress li Triq l-Iskola daqt ser tingħata wċċ ġdid jagħmel sens illi l-linja sofor isiru wara li titlesta t-triq.

12.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 11.4.7 (applikazzjoni tad-dawl fl-Area ta' Gawhar) irringrazzja lill-Kunsill.

12.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 11.5.1 (Tender għal xogħolijiet ta' ħadid fi Ġnien Sir Alexander Ball) kien iltaqa' l-bord fejn iddiskutew dan il-Kuntratt. Is-Sindku qal illi wara l-evalwazzjoni nstab illi ż-żewġ kuntratturi ma kienux ***financially compliant*** u wara li s-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-kamra tal-Kuntratti kellna nikkanċellaw it-tender. Is-Sindku spjega illi kien tkellem mal-perit sabiex isiru emendi fuq it-tender qabel nerġgħu noħorġu s-sejħa għal dan il-kuntratt.

12.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 11.13 (skema ta' Restaw) kien tkellem mal-Kappillan li kien ikkonferma illi l-aħjar illi l-Kunsill japlika għar-restawr tal-Kapella ta' Santa Marija.

12.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk l-applikazzjoni tal-Gal Xlokk għar-Restawr tal-Koppla u lanterna kinitx ġietx estiża. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-applikazzjoni ġiet estiża għal 26 ta' Settembru 2019.

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex l-ATM li hawn Ħal Safi tinbidel sabiex ikollha l-access li jsiru depositi ukoll. Is-Sindku qal illi wara xi komunikazzjoni illi kellu mal-Bank, issa kellu l-konferma illi t-talba sabiex jiżdied s-servizz tad-deposits ġiet aċċettata.

12.3.2 Is-Sindku qal illi rigward il-kwistjoni tas-siġar minn Infrastructure Malta li kienu qiegħdin joffru ammont ta' siġar, kien iltaqa' flimkien mal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla u l-kuntrattur li ser iħawwel is-siġar. Is-Sindku qal illi t-tisqija ta' dawn is-siġar ser tkun f'idejn il-kuntrattur ta' Infrastructure Malta ukoll.

12.3.3 Is-Sindku qal illi f'laqgħa preċidenti konna ddiskutejna sabiex l-isqaqien wieħed l-isfel miċ-ċimterju u l-ieħor l-isfel minn Ġnien ta' Ball isirilhom wiċċ ta' konkos mill-Period Contractor tagħna u jitħallsu minn Infrastructure Malta. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill għandu jagħmel it-talba uffiċċjali sabiex isiru dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku stieden lil Kunsilliera sabiex jekk jafu b'xi sqaqien oħra dawn jistgħu jitniżżlu flimkien sabiex issir talba waħda.

12.3.4 Is-Sindku qal illi rigward in-*night xelter* kien hemm xi żviluppi ġodda u issa jidher li kienet intefgħet l-applikazzjoni sabiex isiru x-xogħolijiet.

12.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kap ta' Sine Macula kienet kellmitu sabiex tagħmel użu mis-sala sabiex isir kunċert mill-Kor. Is-Sindku qal illi l-Kunċert kien ser isir nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru u l-Kunsilliera kollha kienu mistiedna. Il-Kunsill qabel illi isir dan il-Kunċert fis-Sala Pietru Pawl Busuttil.

12.3.6 Is-Sindku qal illi kien irċieva diversi lmenti għaliex kienet saret sieqja fi triq il-gdida li kienet saret l-fuq minn Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna ngħarrfu lil Transport Malta sabiex iġegħluh jaqlagħha.

12.3.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva invit għal żewġ persuni għal Study Visit f'Santiago di Compostela. Huwa qal illi dan il-proġett ser ikun bit-tema ta' *Inclusion of Migrants and Refugees*. Is-Sindku qal illi mportanti li wieħed minn dawn iż-żewġ persuni jkun intiż fuq l-imigrazzjoni sabiex jagħmel l-preżentazzjoni.

12.3.8 Is-Sindku qal illi s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal Planning Authority rigward l-Master Plan tal-Ajruport ta' Malta. Is-Sindku qal illi permezz tal-media soċjali kien infurmat illi dawk il-Kunsilli li jmissu mal-Airport ser ikunu qiegħdin jibbefikaw minn fondi. Il-Kunsill iddiskuta l-pjanijiet fuq dawn il-fondi li għandna m'għandnix konferma meta nistgħu nagħmlu użu minnhom.

12.3.9 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu invit mir-Reġjun Nofsinhar għat tnedija uffiċjali tal-ktieb 'id-devozzjioni u l-kult marjan fir-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal illi l-istedina qiegħa għat-13 ta' Settembru pero' dakinhar il-Kunsillier ser ikunu kollha msefrin.

12.3.10 Is-Sindku qal illi kellu suġġeriment illi naplikaw ma Street Naming Committe għall-isqaq li hemm wara ċ-ċimiterju. Is-Sindku qal illi kien infurmat illi l-area jgħidulha Tal-Ġarra għalhekk issuġerixxa illi l-isqaq jissemma Sqaq il-Ġarra. Is-Sindku talab illi jekk xi ħadd mill-Kunsill kellu xi suġġeriment ieħor dan nkunu nistgħu ndaħħluh bħala t-tieni suġġeriment. Il-Kunsill qabel.

12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-parti t'isfel ta' Triq San Ġorg kellha bżonn tiġi rifreskata biż-żebgħa. Il-Kunsill qabel.

12.4.2. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill jista' jirrestawra t-tabella li hemm fi Triq San Ġorġ - "Triq il-Qala ta' San Ġorġ". Il-Kunsill qabel illi hekk kif toħroġ xi skema għal restawr, nieħdu ħsieb naplikaw.

12.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Puniċi m'hemmx sinjali tat-traffiku u qed isir parkjar ta' vetturi quddiem il-garaxxijiet. Is-Sindku qal illi idealment dan isir wara li jsir l-enforcement li hemm fl-istess triq.

12.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li xi żmien ilu kienet tkellem fuq siġra marida/mejta fiċ-ċimiterju. Is-Sindku qal illi għal din is-siġra kienu ġew tal-ERA pero' ma kienx ingħata permess li tinqala'. Huwa qal illi wara li jinkiseb il-permess mill-ERA sabiex isir l-intervent, il-Kunsill ikun jista' jkellem lill-Cleansing Dept .

12.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi quddiem il-Każin kien hemm siġra mejta. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkomunikaw mal-ERA sabiex naraw jekk tistax tinqala'.

12.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet tkellmet ma persuna rigward attivitajiet sportivi u qalet sabiex il-Kunsill jiċċekja jekk isiru l-permessi mill-Kunsill jiġux orħos. Is-Sindku qal illi l-ewwel għandna naraw x'qiegħed jitlob imbagħad tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

12.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jistax il-Kunsill jkellem lill-Prinċipal tal-Iskola sabiex nużaw il-bitħa tal-Iskola biex inkunu nistgħu norganizzaw lezzjonijiet biex it-tfal jitgħallmu jsuqu r-rota.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal illi bħala option oħra nistgħu nużaw il-bitħa taċ-Ċentru Parrokjali.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi din l-inizjattiva ser tkun abbinata ma lezzjonijiet tal-għawm fl-Iskola San Benedittu.

12.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet ftehmet ma persuna sabiex fl-aħħar ta' kull xahar issir attivita ta' atletika fil-grawnd tal-Kunsill.

12.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lil Kunsill li ser ikun hawn l-Blood Donation unit f'Ottubru u li kienet ser torganizza xi:

- attivitajiet għal tfal żgħar fl-eta fis-Sala tal-Kunsill,
- Birgu by Candlelight
- Sleep Over

12.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi hemm bżonn li jiġu rraġati l-konok tas-siġar f'tal-Ħlantun sabiex ma jintilifx l-ilma.

12.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi hemm bżonn illi l-bins li hemm f'Misrah Ħlantun jiġu mbattla regolament jew kull nhar ta' Tnejn jew inkella kull nhar ta' Ġimgħa.

12.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Ġnien Dun Karm Vella kien hemm siġra mejta.

12.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kellu talba sabiex issir mera l-isfel minn Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill qabel li għandha teħel mera.

12.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa lill-Kunsill rigward ir-restawr tan-niċċa li hemm mad-dar fit-Triq San Pawl. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien iddeċieda li jitfa' l-applikazzjoni għar-restawr tal-koppla u lanterna u qabel ukoll illi jekk ikun hemm xi skema il-quddiem naplikaw għaliha ukoll.

12.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien hemm talba sabiex isir Half Marathon minn Żurrieq Wolves f'Novembru. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħtu l-approval tagħna.

12.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jinnomina persuna sabiex tkun tista' tirrapreżenta lill-Kunsill sabiex tattendi għal laqgħat relatati ma komunikazzjonijiet. Is-Sindku qal li kien jaħseb illi din kienet aktar xi ħaġa amministrattiva, pero' kien hemm qbil illi l-Kunsill ser jiprova illi dejjem ikun hemm xi ħadd preżenti waqt il-laqgħat li jsiru.

12.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-ġurnata ta' qabel kienet attendiet għal Konferenza Stampa rigward il-Contracts Manager. Hija qalet illi issa importanti li l-Kunsill kellu jibda jaħseb sabiex noħorġu s-sejħa sabiex inkunu konformi mal-liġi.

12.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-Kunsill fuq e-mail li konna rċievejna rigward l-informazzjoni li kienu qiegħdin jiġbru minn Reġjun Nofsinhar fuq il-Kuntratt tal-Iskart li

kien ser joħroġ fuq bażi reġjonali. Il-Kunsill qabel illi għandna nipruvaw illi l-ħin tal-ġbir tal-inqas ma jinbidilx.

12.5 Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kellu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Hija ssuġerixxiet lil Kunsill li għal fatt li m'għandnix impjegat fuq skala 11 kellna naħtru Deputat Segretarju Eżekuttiv minn Kunsill ieħor. Il-Kunsill qabel illi għandna ninnominaw lis-Sur Anthony Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

12.6 Rapporti

Approvazzjoni t-Tieni Kwart tas-Sena tal-Financial Report 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tieni *Quarterly Financial Statements* Q2 (April – Ġunju 2019) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

12.7 Gym Equipment ġdid fil-bandli

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi rigward l-finanzjament favur il-Komunita' Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports minbarra l-aerobic lessons li qiegħdin isiru kull nhar ta' Tnejn u Ġimgħa kellna l-fondi sabiex nixtru gym equipment. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet numru ta' specificatioins sabiex il-Kunsill jikkonsidera liema l-aħjar gym equipment għandu jinxtara bl-istess fondi. Il-Kunsill qabel fuq l-equipment addatat għal Cardio sabiex jeħel fil-Bandli.

12.8 Skema Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali

Is-Sindku qal il-lesa qed jagħtuna is-somma ta' €2102 biex jintuzaw fuq Inizjattiva Kulturali li tista' ssir s-sena d-dieħla. Is-Sindku ssuġerixxa li nużawhom fuq Qamar il-Għasel sabiex intaffu mill-ispejjeż. L-attivita' pjanata bejn Mejju u Ġunju 2020. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.9 Għajnuna lill-Kunsill Lokali meta jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Iskejjel

Is-Sindku spjega din l-inizjattiva fejn il-Kunsill ser ikun qiegħed jibbenfika is-somma ta' 1000 Euro għall-attivitajiet li jridu jsiru bejn Awwissu u Diċembru 2019. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw għal dawn l-attivitajiet.

12.10 Għajnuna għal Attivitajiet Kulturali, Sportivi u Mużikali organizzati mill-Kunsilli Lokali

Is-Sindku spjega inizjattiva li ħareġ Regjun Nofsinar sabiex isiru attivitajiet kulturali, sportivi u mużikali organizzati mill-Kunsilli Lokali. Is-Sindku spjega li dawn l-attivitajiet ukoll iridu jsiru

bejn Awwissu u Diċembru 2019 sa massimu ta' żewġ attivitajiet. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi nagħmlu attivita' għaż-żmien il-Milied fil-pjazza tar-raħal.

12.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

12.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7:37pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru, 2019 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |